IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 11.10.2010
KUMM(2010) 555 finali

2008/0242 (COD)

Proposta emendata għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-istabbiliment ta' 'EURODAC' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat]

**(Verżjoni riformulata)**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-EURODAC ġie stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru.2725/2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[1]. Proposta riformulata li temenda r-Regolament dwar il-EURODAC ġiet adottata mill-Kummissjoni f'Diċembru 2008[2] (minn issa 'l quddiem imsejħa l-proposta ta' Diċembru 2008).

Din il-proposta tfasslet biex tiżgura appoġġ aktar effiċjenti għall-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin u biex il-kwistjonijiet dwar protezzjoni tad-dejta jiġu indirizzati b'mod xieraq. Din il-proposta allinjat ukoll il-qafas tal-ġestjoni tal-IT ma' dak tar-Regolamenti tal-SIS II u tal-VIS billi pprovdiet sabiex tieħu l-obbligazzjonijiet tal-ġestjoni operazzjonali għal EURODAC mill-Aġenzija futura għall-immaniġġjar operazzjonali ta' sistemi fuq skala kbira tal-IT fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja[3] (minn hawn 'l quddiem: Aġenzija tal-IT). Il-proposta ta' Diċembru 2008 pproponiet ukoll sabiex tħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u sabiex tinkludi l-kontenut tiegħu fir-Regolament dwar il-EURODAC. Finalment, ġew introdotti tibdiliet sabiex jieħdu inkonsiderazzjoni żviluppi fl-*acquis* dwar l-asil u l-progress tekniku li seħħ mill-adozzjoni tar-Regolament fl-2000.

Il-proposta ntbagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-3 ta' Diċembru 2008. Il-Parlament Ewropew irrefera l-proposta lill-Kumitat tiegħu dwar il-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Barranin (LIBE). Fis-seduta tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009, il-Parlament Ewropew adotta reżoluzzjoni leġiżlattiva[4] li qablet mal-proposta tal-Kummissjoni soġġetta għal numru ta' emendi.

F'Settembru 2009 l-Kummissjoni adottat proposta emendata sabiex, fuq naħa waħda, tieħu inkonsiderazzjoni r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew u r-riżultati ta' negozjati fil-Kunsill u, fuq in-naħa l-oħra, tintroduċi l-possibilità għall-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi tal-Istati Membri u lill-Europol sabiex jaċċedu għall-bażi tad-dejta ċentrali tal-EURODAC għal raġunijiet ta' prevenzjoni, detezzjoni u investigazzjoni ta' reati terroristiċi u reati kriminali oħra serji (il-proposta ta' Settembru 2009)[5].

B'mod partikolari, il-proposta introduċiet klawsola "passerelle" sabiex tippermetti dan l-aċċess għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi kif ukoll dispożizzjonijiet ta' akkumpanjament

---

[1] ĠU L 062, 05.03.2002, p. 1.

[2] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' 'Eurodac' għal-paragun tal-marki ta' swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) No […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat], COM (2008) 825 finali.

[3] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Aġenzija għall-immaniġġjar operazzjonali tas-sistemi fuq skala kbira tal-IT fil-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja [COM(2009) 293 finali] ġiet adottata fl-24 ta' Ġunju 2009. Proposta emendata kienet adottata fil-19 ta' Marzu 2010: Proposta emendata għal Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwaqqaf Aġenzija għall-immaniġġjar operazzjonali ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, COM(2010)93.

[4] Twaqqif tal- 'Eurodac' għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' (riformulat), P6_TA(2009)0378.

[5] Saret sejħa għal din il-proposta fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-Eurodac mill-pulizija u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u kif ukoll mill-Europol tat-12 u t-13 ta' Ġunju 2007.

meħtieġa u temenda l-proposta ta' Diċembru 2008. Din ġiet ippreżentata fl-istess waqt tal-Proposta għal Deċizjoni tal-Kunsill dwar talbiet għat-tqabbil mad-dejta tal-EURODAC mill-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi tal-Istati Membru u mill-Europol għal raġunjiet ta' infurzar tal-liġi[6] (minn issa 'l quddiem: id-Deċiżjoni tal-Kunsill), li tispjega l-modalitajiet eżatti għal tali aċċess.

Il-Parlament Ewropew ma ħariġx riżoluzzjoni leġiżlattiva dwar il-proposti ta' Settembru 2009.

Mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-abolizzjoni tas-sistema ta' kolonni, il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill skadiet. Skont il-Komunikazzjoni dwar il-konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jkunu għadhom għaddejjin[7], tali proposta tiġi rrevokata formalment u tiġi ssostitwita minn proposta ġdida li tikkunsidra l-qafas il-ġdid tat-TFUE.

Madanakollu, bil-għan li jinkiseb progress fin-negozjati dwar il-pakkett tal-asil u l-iffaċilitar tal-konklużjoni ta' ftehim dwar ir-Regolament dwar il-EURODAC, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju jkun aktar xieraq li tneħħi dawk id-dispożizzjonijiet li jirreferu għall-aċċess għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi mir-Regolament dwar il-EURODAC.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li jekk ir-Regolament dwar il-EURODAC ikun jista' jiġi adottat b'aktar ħeffa, jiġi ffaċilitat ukoll it-twaqqif tal-Aġenzija għall-ġestjoni operazzjonali ta' sistemi fuq skala kbira tal-IT fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, billi huwa ppjanat li din l-Aġenzija tkun ukoll responsabbli mill-immaniġġjar tal-EURODAC.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Filwaqt li l-proposta emendata preżenti tintroduċi żewġ dispożizzjonijiet tekniċi,[8] l-iskop ewlieni tagħha huwa li temenda l-proposta preċedenti (jiġifieri minn Settembru 2009) billi minnha tħassar l-opzjoni ta' aċċess għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi. Għaldaqstant, ma saru l-ebda konsultazzjoni u valutazzjoni tal-impatt ġodda speċifikament għall-proposta preżenti. Madanakollu, il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-2008[9] għadha valida għall-iskopijiet tagħha.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Din il-proposta temenda l-Proposta emendata għal Propota tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' 'Eurodac' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat] - COM (2009) 342.

---

6 COM(2009)344.
7 COM(2009) 665 finali/2.
8 L-ewwel nett biex tiżgura l-konsistenza mar-Regolamentazzjoni ta' Dublin u kif ukoll biex tiċċara l-ħtieġa biex is-sejbiet awtomatizzati tas-sistema jkunu jistgħu jiġi vverifikati minn espert tal-marki tas-swaba'.
9 SEC(2008) 2981.

Il-proposta emendata preżenti tuża l-artikolu 78(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bħala bażi legali, li huwa l-Artikolu tat-TFUE li jikkorrispondi għall-bażi legali tal-proposta oriġinali (l-Artikolu 63(1)(a) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea).

It-Titolu V tat-TFUE mhux applikabbli għar-Renju Unit u l-Irlanda, sakemm dawk iż-żewġ pajjiżi ma jiddeċidux mod ieħor, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda mehmużin mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE.

Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 wara l-avviż tagħhom dwar ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament ibbażat fuq il-Protokoll imsemmi aktar 'il fuq. Il-pożizzjoni ta' dawn l-Istati Membri dwar ir-Regolament preżenti ma taffettwax il-parteċipazzjoni possibbli tagħhom rigward ir-Regolament emendat.

Taħt il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, annessa mat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-TFUE (għajr għal "miżuri li jiddeterminaw il-pajjiż terz li ċ-ċittadini tiegħu għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, jew miżuri rigward format uniformi għall-viżi"). Għaldaqstant, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta minnu u lanqas hija suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Madanakollu, peress li d-Danimarka tapplika r-Regolament ta' Dublin preżenti, wara ftehim internazzjonali[10] li hi kkonkludiet mal-KE fl-2006, hi għandha, skont l-Artikolu 3 ta' dak il-ftehim, tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha jekk hux se timplimenta jew le l-kontenut tar-Regolament emendat.

L-emendi tal-proposta preżenti huma dawn li ġejjin:

L-Artikoli 2(1)c(iv), 5(f)-(j) u 21(2) qegħdin jitħassru, billi kienu ġew introdotti biex jakkumpanjaw il-klawsola "passerelle" li tippermetti l-aċċess għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi.

Fl-Artikolu 18(4) it-tieni inċiż u fl-Artikolu 24(1)(b), qegħdin jitħassru r-refernezi għal aċċess għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi.

Fl-Artikolu 3, il-klawsola "passerelle" li tippermetti l-aċċess għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi qiegħda titħassar.

Fl-Artikolu 18(4) il-ħtieġa għal verifika tal-identifikazzjoni awtomatizzata minn espert tal-marki tas-swaba' qiegħda tiġi ċċarata.

Fl-Artikolu 24(1) jiddaħħlu dispożizzjonijiet xierqa sabiex il-kumitat taħt ir-Regolament ta' Dublin ikun jista' jinkludi informazzjoni dwar il-EURODAC fil-fuljett li għandu jitħejja taħt l-Artikolu 4(3).

---

10 Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-asil iddepożitata fid-Danimarka jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-konvenzjoni ta' Dublin (L66, 8.3.2006).

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta preżenti tippermetti li jiġu ffrankati riżorsi fuq l-ippjanar baġitarju meta mqabbel mal-proposta preċedenti [COM(2009) 344], li pprovdiet għall-possibbiltà li jitwettaq tqabbil għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi.

Mill-proposta tal-2009 din il-proposta żżomm it-titjib tas-sistema fir-rigward ta' funzjonalitajiet ġodda ffokati fuq l-asil dwar informazzjoni fuq l-istatus tas-suġġett tad-dejta (li kienu r-riżultati tan-negozjati fil-Kunsill) u, fl-istess ħin, tħassar il-funzjonalità tat-tiftix għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi. Id-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża ma' din il-propsta tirrefletti din il-bidla.

L-istima tal-kost ta' EUR 230 000 tikkonsisti minn servizzi relatati mal-IT, software u hardware u jkun ikopri dawk l-adattamenti speċifiċi meħtieġa mis-sistema ċentrali tal-EURODAC.

## 5. IMPATT TAL-PROPOSTA FUQ STATI MEMBRI MHUX FL-UE ASSOĊJATI MAS-SISTEMA TA' DUBLIN

Flimkien mal-assoċjazzjoni ta' diversi pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE mal-acquis ta' Schengen, il-Komunità kkonkludiet, jew waslet sabiex tikkonkludi, diversi ftehimiet li jassoċjaw dawn il-pajjiżi anke mal-acquis ta' Dublin/EURODAC:

– il-ftehim li jassoċja lill-Iżlanda u lin-Norveġja, konkluż fl-2001[11];

– il-ftehim li jassoċja lill-Isvizzera, konkluż fit-28 ta' Frar tal-2008[12];

– il-protokoll li jassoċja lill-Prinċipalità tal-Liechtenstein, iffirmat fit-28 ta' Frar tal-2008[13].

Sabiex jiġu maħluqa drittijiet u obbligazzjoni bejn id-Danimarka – li kif ġie spjegat hawn fuq ġiet assoċjata mal-acquis ta' Dublin/EURODAC permezz ta' ftehim internazzjonali – u l-pajjiżi assoċjati msemmija aktar 'il fuq, żewġ strumenti oħra ġew konklużi bejn il-Komunità u l-pajjiżi assoċjati[14].

---

11 Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-kriterji u mekkaniżmi għall–istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal asil preżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja, (ĠU L 93, 3.4.2001, p.40).

12 Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jikkonċerna l-kriterji u mekkaniżmi għall–istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal asil preżentata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera, (ĠU L 53, 27.2.2008, p.5).

13 Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-ħatra tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għal asil mressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (COM (2006)754 il-konklużjoni għadha pendenti.

14 Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein għal Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kriterji u mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għal eżami ta' talba għall-asil preżentata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (2006/0257 CNS, konkluż fl-24.10.2008, pubblikazzjoni fil-ĠU għada pendenti) u Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità, ir-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar kriterji u mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-asil preżentata fi Stat Membru, fl-Iżlanda jew fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001).

Skont it-tliet ftehimiet imsemmija aktar 'il fuq, il-pajjiżi assoċjati għandhom jaċċettaw l-acquis ta' Dublin/EURODAC u l-iżviluppi tiegħu mingħajr eċċezzjoni. Huma ma jiħdux sehem fl-adozzjoni ta' kwalunkwe att li jemenda jew li jibni fuq l-acquis ta' Dublin (inkluż għalhekk din il-proposta) iżda għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien mogħti bid-deċiżjoni tagħhom jekk humiex se jaċċettaw jew le l-kontenut ta' dak l-att, ladarba jiġi approvat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Fil-każ li n-Norveġja, l-Iżlanda, l-Isvizzera jew il-Prinċipalità tal-Liechentstein ma jaċċettawx att li jemenda jew li jibni fuq l-acquis ta' Dublin/EURODAC, il-klawżola giljottina ("guillotine clause") tiġi applikata u l-ftehimiet rispettivi jiġu terminati sakemm il-Kumitat Konġunt/Mħallat stabbilit mill-ftehimiet ma jiddeċidix mod ieħor b'unanimità.

↓ 2725/2000/KE (adattat)

2008/0242 (COD)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istabbiliment ta' 'EURODAC' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva ~~tal-Konvenzjoni ta' Dublin~~⌦ tar-Regolament (KE) Nru […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat] ⌫**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, u b'mod partikolari l-Artikolu 78 punt (2)(e) ~~63 punt (1)(a)~~ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[15],

~~Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[16],~~

⌦Waqt li jaġixxu skont il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 294 tat-Trattat[17] ⌫

Billi

⇩ ġdid

(1) Numru ta' tibdil sostanzjali għandu jsir fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[18] u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.407/2002 tat-28 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli biex jimplimetaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[19]. Fl-interess taċ-ċarezza, dawk ir-Regolamenti għandhom jiġu riformulati.

---

15 COM(2010)XXX.

16 ~~ĠU C 189, tal-07.7.2000, p. 105 u p. 227 u l-opinjoni mwassla fil 21 ta' Settembru 2000 (għad ma ġietx ippublikata fil-Gurnal Uffiċjali)~~

17 ĠU C […], […], p. […].

18 ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1.

19 ĠU L 62, 5.3.2002, p. 1.

↓ 2725/2000/KEC premessa (ġdid)

(1) L-Istati Membri li rratifikaw il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967, dwar l-Istatus tar-Refuġjati.

↓ 2725/2000/KE premessa 2 (adattat)

(2) l-Istati Membri li jkunu kkonkludew il-Konvenzjoni li tiddetermina l-Istat responsabbli milli jeżamina l-applikazzjonijiet għall-asil iddepożitati f'wieħed mill-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmata f'Dublun fil-15 ta' Ġunju 1990 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' Dublin").

⇩ ġdid

(2) Politika komuni dwar l-asil, inkluż Sistema Komuni Ewropea tal-Asil, hi parti kostitwenti tal-għan tal-Unjoni Ewropea li b'mod progressiv tiġi stabbilita żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħa għal dawk li, minħabba ċirkostanzi, ifittxu leġittimament protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni.

(3) Il-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Novembru 2004 adotta l-Programm tal-Aja li jħejji l-għanijiet li għandhom jiġu implimentati fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-perjodu bejn 2005-2010. Il-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil approvat mill-Kunsill Ewropew tal-15-16 ta' Ottubru 2008 talab għat-tlestija tal-istabbiliment ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil billi tinħoloq proċedura waħda tal-asil li jkun fiha garanziji komuni u status uniformi għar-refuġjati u għall-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja

(4) Il-Programme tal-Aja sejjaħ għat-titjib tal-aċċess għas-sistemi eżistenti ta' ffjajljar tad-dejta tal-Unjoni Ewropea.

↓ 2725/2000/KE premessa 3 (adattat)
⇨ ġdid

(5) Għall-għanijiet tal-applikazzjoni l-Konvenzjoni ta' Dublin ⌦ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.[…/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi determinat liema Stat Membru hu responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali preżentata fi Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna bla Stat][20] ⌫ , huwa neċessarju li tkun stabbilita l-identità tal-applikanti għal asil ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ u ta' persuni maqbuda b'konnessjoni mal-qsim kontra l-liġi tal-fruntjieri esterni tal-Komunità. Hija wkoll ix-xewqa, sabiex il-Konvenzjoni ta' Dublin ⌦ ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.[…/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi determinat liema Stat Membru hu responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali preżentata fi Stat Membru minn

[20] COM(2008)XXX.

ċittadin ta’ pajjiż terz jew minn persuna bla Stat] ⌫ ikun applikat b'mod effettiv, u b'mod partikolari l-punti ~~(c) u (e)~~ (b) u (d) tal-Artikolu ~~10(1)~~18(1) tiegħu, li kull Stat Membru jitħalla jikkontrolla jekk ~~barrani~~ ⌦ ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ⌫ li jinstab preżenti fit-territorju tiegħu b'mod illegali jkunx applika għal ~~asil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ fi Stat Membru ieħor.

---

🡻 2725/2000/KE premessa 4

(6) Il-marki tas-swaba’ jikkostitwixxu element importanti sabiex tiġi stabbilita l-identita eżatta ta’ dawn il-persuni. Huwa neċessarju li tkun stabbilita sistema għat-tqabbil ta' informazzjoni tal-marki tas-swaba tagħhom.

---

🡻 2725/2000/KE premessa 5 (adattat)
⇨ ġdid

(7) Għal dan il-għan, hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema magħrufa bħala "~~Eurodac~~EURODAC", li tikkonsisti minn ~~Unità~~ ⇨ Sistema ⇦ Ċentrali, ~~li għandha tkun stabbilita fil-Kummissjoni u~~ li għandha tħaddem bażi ta' dejta ċentrali komputerizzata ta' informazzjoni fuq marki tas-swaba', kif ukoll tal-mezzi elettroniċi ta' trażmissjoni bejn l-Istati Membri u ~~d-database ċentrali~~ ⇨ s-Sistema Ċentrali ⇦ .

---

⇩ ġdid

(8) Sabiex jiġi assigurat trattament ugwali għall-applikanti kollha u għal min qed jibbenifika mill-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll sabiex tassigura konsistenza mal-*acquis* preżenti tal-UE dwar l-asil, b’mod partikolari mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta’ April 2004 dwar livelli minimi stabbiliti għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li b'mod ieħor jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u r-Regolament (KE) Nru.[…/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi determinat liema Stat Membru hu responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali preżentata fi Stat Membru minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew minn persuna bla Stat], huwa xieraq li jiġi estiż il-ambitu ta’ dan ir-Regolament sabiex jinkludi applikanti għal protezzjoni sussidjarja u persuni li jgawdu minn protezzjoni sussidjarja.

---

🡻 2725/2000/KE premessa 6 (adattat)
⇨ ġdid

(9) Hemm il-bżonn li l-Istati Membri jintlabu biex, minnufih, jieħdu ⇨ u jittrażmettu ⇦ ⇨ dejta ⇦ tal-marki tas-swaba' ta' kull applikant għal ~~asil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ u ta' kull ~~barrani~~ ⌦ ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ⌫ li jinqabdu b'rabta mal-qsim irregolarita' fruntiera esterna ta' Stat Membru, jekk ikollhom minn tal-anqas 14-il sena.

🡻 2725/2000/KE premessa 7 (adattat)
⇨ ġdid

(10) Hemm bżonn li jkunu preskritti regoli preċiżi dwar it-trażmissjoni ta’ dejta dwar marki tas-swaba’ lis- ⇨ Sistema ⇦ ~~Unità~~ Ċentrali, ir-reġistrar ta' dejta tal-marki tas-swaba’ bħal dawn u dejta rilevanti oħra fis- ⇨ Sistema ⇦ ~~Unità~~ Ċentrali, iż-żamma tagħhom, it-tqabbil tagħhom ma' dejta tal-marki tas-swaba’ oħra, it-trażmissjoni tar-riżultati ta’ tqabbil bħal dan u l-~~imblukkar~~ ⇨ immarkar ⇦ u t-tħassir ta’ dejta rreġistrata. Dawn ir-regoli jistgħu jkunu differenti, u għandhom ikunu adattati speċifikament, għas-sitwazzjoni ta' kategoriji differenti ta' ~~barranin~~ ⌦ ċittadini minn pajjiż terz jew persuni mingħajr Stat ⌫.

⇩ ġdid

(11) Sejbiet li jsiru mill-EURODAC għandhom jiġu vverifikati minn espert tal-marki tas-swaba' biex ikun żgurat li r-responsabbiltà ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.[…/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema Stat Membru hu responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali preżentata fi Stat Membru minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew minn persuna bla Stat].

🡻 2725/2000/KE premessa 8 (adattat)
⇨ ġdid

(12) ~~Barranin~~ ⌦ Ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat ⌫ li jkunu talbu ~~asil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ f'wieħed mill-Istati Membri jista' jkollhom l-għażla li jkunu jistgħu jitolbu ~~asil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ fi Stat Membru ieħor għal ħafna snin oħra. Għalhekk, il-perjodu massimu li matulu d-dejta dwar marki tas-swaba' għandha tinżamm ~~mill-Unità~~ ⇨ mis-Sistema ⇦ Ċentrali għandu jkun ta' tul mhux ħażin. Peress li ħafna ~~barranin~~ ⌦ ċittadini minn pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat ⌫ li għexu fil-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni Ewropea ⌫ għal bosta snin jkunu kisbu status definit jew anki kisbu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru wara dak il-perjodu, perjodu ta' għaxar snin għandu jkun ikkunsidrat bħala perjodu raġonevoli għaż-żamma ta' dejta dwar marki tas-swaba'.

🡻 2725/2000/KE premessa 9 (adattat)

(13) Il-perjodu ta' żamma għandu jkun iqsar f'ċerti sitwazzjonijiet speċjali fejn ma jkunx hemm bżonn li tinżamm dejta dwar marki tas-swaba' għal dak it-tul ta' żmien. Id-dejta dwar marki tas-swaba' għandha titħassar immedjatament ladarba ~~barranin~~ ⌦ ċittadini minn pajjiż terz jew persuni mingħajr Stat ⌫ jieħdu ċittadinanza ta' Stat Membru.

⇩ ġdid

(14) Huwa xieraq li tiġi maħżuna dejta relatata ma' dawk is-suġġetti tad-dejta li l-marki tas-swaba' tagħhom ġew irrikordjati inizjalment fil-EURODAC hekk kif ġew preżentati l-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali u li ngħataw protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru sabiex jippermettu li dejta rreġistrata hekk kif ġiet preżentata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi mqabbla magħhom.

(15) Wara valutazzjoni ta' impatt, li fiha analiżi sostantiva tal-alternattivi mill-perspettivi finanzjarji, operazzjonali u organizzattivi, għandu jiġi previst l-istabbiliment ta' Awtorità tal-Ġestjoni responsabbli għat-tmexxija operattiva ta' EURODAC. Sa dak iż-żmien, il-Kummissjoni għandha tibqa' responsabbli għat-tmexxija tas-Sistema Ċentrali u għall-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni.

---

🡻 2725/2000/KE premessa 10
⇨ ġdid

(16) Hemm bżonn li jkunu preskritti b'mod ċar ir-responsabilitajiet rispettivi tal-Kummissjoni ⇨ u tal-Awtorità ta' Ġestjoni ⇦ f'dak li għandu x'jaqsam ~~mal-Unità~~ ⇨ mas-Sistema ⇦ Ċentrali ⇨ u l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni ⇦ , u tal-Istati Membri, f'dak li għandu x'jaqsam mal-~~użu~~ ipproċessar tad-dejta, is-sigurta' tad-dejta, l-aċċess għaliha, u l-korrezzjoni tad-dejta rreġistrata.

---

🡻 2725/2000/KE premessa 11

(17) Filwaqt li r-responsabilità mhux kuntrattwali tal-Komunità b'konnessjoni mat-tħaddim tas-sistema ta' ~~Eurodac~~EURODAC għandha tkun irregolata mid-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat, huwa neċessarju li jkunu preskritti regoli speċifiċi għar-responsabilità mhux kuntrattwali tal-Istati Membri b'konnessjoni mat-tħaddim tas-sistema.

---

🡻 2725/2000/KE premessa 12

(18) Bi qbil mal-prinċipju ta' sussidjaretà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat, l-għan tal-miżuri proposti, b'mod partikolari l-ħolqien ~~fil-Kummissjoni~~ ta' sistema għat-tqabbil ta' dejta dwar marki tas-swaba' sabiex tgħin l-implimentazzjoni tal-politika ta' asil tal-Komunità, ma jistax, min-natura tiegħu stess, ikun sodisfatt biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar mill-Komunità. Bi qbil mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif previst fl-Artikolu msemmi, dan ir-Regolament ma jmurx aktar 'l hemm minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħaq dak il-għan.

↓ 2725/2000/KE premessa 15 (adattat)

(19) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ipproċessar ta' informazzjoni personali u dwar il-moviment ħieles ta' dik l-informazzjoni[21] tapplika għall-ipproċessar ta' dejta personali mill-Istati Membri ⌦ li jitwettaq b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ⌫ ~~fil-qafas tas-sistema ta' Eurodac~~.

↓ 2725/2000/KE premessa 16

~~(16) Bis-saħħa tal-Artikolu 286 tat-Trattat, id-Direttiva 95/46/KE tapplika ukoll għal istituzzjonijiet u organizazzjonijiet tal-Komunità. Minħabba li l-Unità Ċentrali għandha tkun stabbilita fi ħdan il-Kummissjoni, dik id-Direttiva għandha tapplika għall-ipproċessar ta' informazzjoni personali minn dik l-Unità.~~

↓ 2725/2000/KE premessa 17

(20) Il-prinċipji preskritti fid-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' individwi, partikolarment id-dritt tagħhom għal privatezza, fir-rigward tal-ipproċessar ta' informazzjoni personali għandha tkun miżjuda jew iċċarata, b'mod partikolari sa fejn ikunu konċernati ċerti setturi.

⇩ ġdid

(21) Ir-Regolament (KE) Nru. 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta[22] japplika għall-ipproċessar ta'dejta personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Komunità li jitwettaq b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madanakollu, ċerti punti għandhom jiġu kjarifikati fir-rigward ta' responsabbilità għall-ipproċessar ta' dejta u tas-superviżjoni ta' protezzjoni tad-dejta.

(22) Huwa xieraq li l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali jsegwu l-legalità tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-Istati Membri, filwaqt li l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, kif imsemmi fl-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, għandu jsegwi l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mwettqa b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

21 ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
22 ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

↓ 2725/2000/KE premessa 18
⇨ ġdid

(23) Huwa xieraq li r-rendiment tal-~~Eurodac~~EURODAC jiġi kkontrollat u evalwat ⇨ f'intervalli ta' żmien regolari ⇦ .

---

↓ 2725/2000/KE premessa 19 (adattat)
⇨ ġdid

(24) L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal sistema ⌦effettiva, proporzjonata u dissważiva⌫ ta' penali sabiex ikun sanzjonat l-ipproċessar ~~użu~~ ta' dejta ⌦mdaħħla⌫ ~~fil-database ċentrali~~ ⇨ fis-Sistema Ċentrali ⇦ kontra l-għan tal-~~Eurodac~~EURODAC.

---

⇩ ġdid

(25) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jiġu informati dwar l-istatus ta' proċeduri tal-asil partikolari, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni adegwata tar-Regolament (KE) Nru […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat].

(26) Dan ir-Regolament jirrispetta u għandu jiġi applikat f'konformità mad-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jirrispetta totalment id-dritt tal-individwu għall-protezzjoni ta' dejta personali u d-dritt għall-asil tiegħu jew tagħha.

---

↓ 2725/2000/KE premessa 22 (adattat)

(27) Huwa xieraq li l-iskop territorjali ta' dan ir-Regolament ikun ristrett sabiex ikun allinjat mal-iskop territorjali ~~tal-Konvenzjoni ta' Dublin~~ ⌦ tar-Regolament (KE) Nru […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat] ⌫ .

🡻 2725/2000/KE (adattat)
⇨ ġdid

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

# DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

*Għan tal-"~~Eurodac~~EURODAC"*

1. Qed tiġi stabbilita sistema magħrufa bħala "~~Eurodac~~EURODAC", li l-għan tagħha għandu jkun li tgħin biex ikun determinat liema Stat Membru għandu jkun responsabbli konformement ~~mal-Konvenzjoni ta' Dublin~~ ⌦ mar-Regolament (KE) Nru […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat] ⌫ għall-eżami ta' applikazzjoni għal ~~asil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ sottomessa fi Stat Membru ⇨ minn ċittadini ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ⇦ , u inkella sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni ~~tal-Konvenzjoni~~ ⌦ tar-Regolament ⌫ ta' Dublin taħt il-kondizzjonijiet preskritti f'dan ir-Regolament.

~~2. EURODAC għandu jikkonsisti minn:~~

~~(a) l-Unità Ċentrali msemmija fl-Artikolu 3;~~

~~(b) bażi ta' dejta ċentralizzata fejn id-dejta msemmija fl-Artikolu 5(1), l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 11(2) tiġi pproċessata għat-tqabbil tad-dejta tal-marki tas-swaba' ta' applikanti għall-asil u tal-kategoriji ta' barranin imsemmija fl-Artikolu 8(1) u fl-Artikolu 11(1);~~

~~(c) mezzi ta' trażmissjoni ta' dejta bejn l-Istati Membri u l-bażi ta' dejta ċentrali.~~

~~3.~~2. Mingħajr preġudizzju għall-ipproċessar ~~użu~~ ta' dejta maħsuba għall-~~Eurodac~~EURODAC mill-Istat Membru ta' oriġini f'bażijiet ta' dejta mwaqqfa taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru, id-dejta dwar marki tas-swaba' u dejta personali oħra jistgħu jkunu pproċessati f'~~Eurodac~~EURODAC biss għall-għanijiet tal-Artikolu ~~15(1)~~32(1) ~~tal-Konvenzjoni~~ ⌦ tar-Regolament ⌫ ta' Dublin.

*Artikolu 2*

*Tifsiriet*

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "~~il-Konvenzjoni~~ ⌦ ir-Regolament ⌫ ta' Dublin" ifisser ~~il-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Istat responsabbli għall-eżami ta' applikazzjonijiet għal asil sottomessi f'wieħed mill-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmata f'Dublin nhar il-15 ta' Ġunju 1990~~ ⌦ ir-Regolament (KE) Nru […/…] [li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat] ⌫ ;

(b) "applikant għal ~~asil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ " tfisser ~~barrani~~ ⌦ ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ⌫ li jkun issottometta applikazzjoni għal ~~asil jew li tkun saret applikazzjoni f'ismu~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali kif imfisser fl-Artikolu 2(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE li fir-rigward tagħha tkun għadha ma ttieħditx deċiżjoni finali ⇦ ;

(ċ) "Stat Membru ta' oriġini" tfisser:

(i) f'dak li għandu x'jaqsam ma' ~~applikant għal asil~~ ⌦ persuna koperta mill-Artikolu 6 ⌫, l-Istat Membru li jittrażmetti d-dejta personali ~~lill-Unità~~ ⇨ lis-Sistema ⇦ Ċentrali u jirċievi r-riżultati tat-tqabbil;

(ii) f'dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu ~~8~~ 11 , l-Istat Membru li jittrażmetti d-dejta personali ~~lill-Unità~~ ⇨ lis-Sistema Ċentrali ⇦ ;

(iii) f'dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu ~~11~~ 14, l-Istat Membru li jittrażmetti dik id-dejta ~~lill-Unità~~ ⇨ lis-Sistema Ċentrali ⇦ u li jirċievi r-riżultati tat-tqabbil;

---

| |
|---|
| ↓ 2725/2000/KE (adattat) |
| ⇨ ġdid |

(d) ~~"rifuġjat"~~ ⇨ "persuna li tingħata protezzjoni internazzjonali ⇦ tfisser ⌦ ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ⌫ ~~li jkun ġie~~ rikonoxxut bħala ~~rifuġjat skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif l-aħħar emendata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967~~ ⇨ intitolat għal protezzjoni internazzjonali kif imfisser fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE ⇦;

(e) "sejba" għandha tfisser l-eżistenza ta' tqabbila jew tqabbil stabbilit ~~mill-Unità~~ ⇨ mis-Sistema ⇦ Ċentrali permezz ta' tqabbil bejn informazzjoni dwar marki tas-swaba' rreġistrata ~~fid-databank~~ ⌦ fil-bażi tad-dejta ċentrali ⌫ u dawk trażmessi minn Stati Membru fir-rigward ta' persuna, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li Stati Membri għandhom jikkontrollaw immedjatament ir-riżultati tat-tqabbil konformement mal-Artikolu ~~4(6)~~ 18(4).

↓ 2725/2000/KE (adattat)

2. It-termini mfissra fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE għandu jkollhom l-istess tifsira f'dan ir-Regolament.

3. Sakemm ma jkunx iddikjarat b'mod ieħor, it-termini mfissra fl-Artikolu ~~1~~ 2 ~~tal-Konvenzjoni~~ ⌦ tar-Regolament ⌫ ta' Dublin għandu jkollhom l-istess tifsira f'dan ir-Regolament.

↓ 2725/2000/KE (adattat)

*Artikolu 3*

*~~Unità Ċentrali~~ ⌦ L-arkitettura u l-prinċipji bażiċi tas-Sistema ⌫*

~~1. Għandha tkun stabbilita Unità Ċentrali fi ħdan il-Kummissjoni li għandha tkun responsabbli mit-tħaddim tad-database ċentrali msemmi fl-Artikolu 1(2)(b) f'isem l-Istati Membri. L-Unità Ċentrali għandha tkun mgħammra b'sistema ta' għarfien ta' marki ta' swaba kompjuterizzata.~~

⇩ ġdid

1. EURODAC għandu jikkonsisti minn:

(a) bażi tad-dejta kompjuterizzata ċentrali tal-marki tas-swaba' (Sistema Ċentrali) magħmula minn

– Unità Ċentrali,

– Sistema tal-Kontinwità tal-Attività.

(b) infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn is-Sistema Ċentrali u l-Istati Membri li tipprovdi netwerk virtwali f'kodiċi dedikat lid-dejta EURODAC (Infrastruttura ta' Komunikazzjoni).

2. Kull Stat Membru għandu jkollhu Punt ta' Aċċess Nazzjonali wieħed.

↓ 2725/2000/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~2.~~3. Id-dejta dwar~~applikanti għal asil,~~ persuni koperti bl-Artikoli ~~8 u persuni koperti bl-Artikolu 11~~ 6, 11 u 14 li tiġi pproċessata ~~fl-Unità~~ ⇨ fis-Sistema ⇦ Ċentrali għandha tkun ipproċessata f'isem l-Istat Membru ta' oriġini taħt il-kondizzjonijiet preskritti f'dan ir-Regolament ⌦ u separata permezz ta' mezzi tekniċi xierqa ⌫ .

↓ 2725/2000/KE Artikolu 1(2) it-tielet subparagrafu
⇨ ġdid

4. Ir-regoli li jirregolaw ~~Eurodac~~lill-EURODAC għandhom japplikaw ukoll għal ħidmiet magħmula mill-Istati Membri mit-trażmissjoni ta' dejta ~~għall-Unità~~ ⇨ għas-Sistema ⇦ Ċentrali sakemm isir użu mir-riżultati tat-tqabbil.

---

↓ 2725/2000/KE Artikolu 4(1) it-tieni sentenza
⇨ ġdid

5. Il-proċedura sabiex jittieħdu l-marki tas-swaba' għandha tkun stabbilita u ⇨ applikata ⇦ bi qbil mal-prattika nazzjonali tal-Istat Membru konċernat u skont il-protezzjonijiet preskritti fil-⇨ Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-Konvenzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni u tad-Drittijiet tal-Bniedem u għal-Libertajiet Fundamentali ⇦ ~~Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem~~ u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 4*

*Tmexxija Operattiva mill-Awtorità tat-Tmexxija*

1. Awtorità tat-Tmexxija sponsorizzata mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għandha tkun responsabbli għat-tmexxija operattiva tal-EURODAC. L-Awtorità tat-Tmexxija għandha tassigura, b’kooperazzjoni mal-Istati Membri, li f’kull ħin l-aħjar teknoloġija disponibbli, soġġetta għal analiżi ta’ spiża-benefiċċju, tiġi użata għas-Sistema Ċentrali.

2. L-Awtorità tat-Tmexxija għandha tkun responsabbli wkoll għall-obbligazzjonijiet li ġejjin relatati mal-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni.

(a) superviżjoni;

(b) sigurtà;

(c) il-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur.

3. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-obbligazzjonijiet l-oħra kollha relatati mal-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni, b’mod partikolari:

(a) obbligazzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit;

(b) akwiżizzjoni u tiġdid;

(c) kwistjonijiet kuntrattwali.

4. Qabel mal-Awtorità tat-Tmexxija tieħu r-responsabbilitajiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-obbligazzjonijiet kollha attribwiti lill-Awtorità tat-Tmexxija b'dan ir-Regolament.

5. Tmexxija operattiva tal-EURODAC għandha tikkonsisti mill-obbligazzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jinżamm jiffunzjona l-EURODAC 24 siegħa kuljum, sebat-ijiem fil-ġimgħa skont ir-Regolament, b'mod partikolari x-xogħol ta' manutenzjoni u żviluppi tekniċi meħtieġa sabiex jassiguraw li s-sistema taħdem f'livell sodisfaċenti ta' kwalità operattiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħin meħtieġ għall-interrogazzjoni tas-Sistema Ċentrali.

6. Bla ħsara għall-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Impjegati ta' Uffiċjali fil-Komunitajiet Ewropej, l-Awtorità tat-Tmexxija għandha tapplika regoli approprjati ta' segretezza professjonali jew dmirijiet oħra ekwivalenti ta' kunfidenzjalità lill-persunal tagħha kollha sabiex jaħdmu bid-dejta tal-EURODAC. Din l-obbligazzjoni għandha tapplika wkoll wara li dan il-persunal jkun ħalla l-uffiċċju jew impjieg jew wara t-tmiem tal-attivitajiet tagħhom.

7. L-Awtorità tat-Tmexxija msemmija f'dan ir-Regolament għandha tkun l-Awtorità tat-Tmexxija kompetenti għal SIS II taħt Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) u għal VIS taħt Regolament (KE) Nru. 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' dejta bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir.

---

🡻 2725/2000/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 5~~3~~*

*⌦ Statistika ⌫*

~~3.~~ Kull ~~tliet xhur~~ ⇨ xahar ⇦ , ⌦ l-Awtorità ta' Ġestjoni ⌫ għandha tħejji statistiċi dwar ~~ix-xogħol~~ ~~tagħha~~ ⌦ il-ħidma tas-Sistema Ċentrali ⌫ , li jindikaw ⇨ b'mod partikolari ⇦ :

(a) in-numru ta' settijiet ta' dejta trażmessi dwar persuni msemmija fl-Artikoli 6(1), ~~8(1) u 11(1)~~ 11(1) u 14(1) ;

(b) in-numru ta' suċċessi dwar applikanti għal ~~asil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ li kienu ssottomettew applikazzjoni għal ~~asil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ fi Stat Membru ieħor;

(c) in-numru ta' sejbiet dwar persuni msemmija fl-Artikolu ~~8(1)~~ 11(1) li sussegwentement kienu ssottomettew applikazzjoni għal ~~asil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ ;

(d) in-numru ta' sejbiet dwar persuni msemmija fl-Artikolu ~~11(1)~~ 14(1) li qabel kienu ssottomettew applikazzjoni għal ~~asil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ fi Stat Membru ieħor;

(e) in-numru ta' dejta dwar marki ta' swaba' li l-~~Unità~~ ⇨ s-Sistema ⇦ Ċentrali kellha titlob ⇨ ripetitutament ⇦ ~~għat-tieni darba~~ mill-Istati Membri ta' oriġini minħabba li d-dejta dwar marki ta' swaba' trażmessa oriġinarjament ma setgħetx twassal għal tqabbil bl-użu tas-sistema komputerizzata ta' għarfien ta' marki ta' swaba';~~.~~

---

🡻 2725/2000/KE
⇨ ġdid

Fl-aħħar ta' kull sena, id-dejta tal-istatistika għandha tkun stabbilita fil-forma ta' kompilazzjoni tal-istatistiki ta' kull ⇨ xahar ⇦ ~~tliet xhur imwaqqfa sa mill-bidu tal-attivitajiet tal-Eurodac~~ ⇨ għal dik is-sena ⇦, li jinkludu indikazzjoni tan-numru ta' persuni li dwarhom ikunu ġew irreġistrati sejbiet taħt (b), (c), u ~~u~~ (d).

L-istatistiki għandhom ikun fihom tqassim tad-dejta għal kull Stat Membru.

~~4. Konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23(2), l-Unità Ċentrali tista' tingħata l-inkarigu li twettaq ċerti xogħolijiet ta' statistika oħra fuq il-bażi tal-informazzjoni pproċessata fl-Unità Ċentrali.~~

---

🡻 2725/2000/KE (adattat)
⇨ ġdid

## KAPITOLU II

## APPLIKAZZJONIJIET GĦAL ~~ASIL~~ ⌦ PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI ⌫

*Artikolu 6 ~~4~~*

*Ġbir, trażmissjoni u tqabbil ta' marki tas-swaba'*

1. Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha ta' kull applikant għal ~~asil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ li jkollu tal-inqas 14-il sena u għandu ~~fil-pront~~ ⇨ mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li tiġi ddepożitata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali kif iddefinita mill-Artikolu 20(2) tar-Regolament ta' Dublin ⇦ jittrażmettihom ⌦ flimkien mad- ⌫ detja msemmija fil-punti ~~(a)~~ (b) sa ~~(f)~~ (g) tal-Artikolu ~~5(1)~~ 8 ~~lill-Unità~~ ⇨ lis-Sistema ⇦ Ċentrali.

⇩ ġdid

⇨Non-konformità mal-limitu tal-ħin ta' 72 siegħa ma teħlisx lill-Istati Membri mill-obbligazzjoni li jieħdu u jitrażmettu l-marki tas-swaba' lis-Sistema Ċentrali. Fejn il-kundizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' ta' kwalità li tassigura paragun xieraq skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru tal-oriġini għandu jerġa' jieħu l-marki tas-swaba' tal-applikant u jibgħathom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu ttieħdu b'suċċess. ⇦

---

🡻 2725/2000/KE

~~(2) Id-dejta msemmija fl-Artikolu 5(1) għandha tkun rreġistrata minnufih fid-databases ċentrali mill-Unità Ċentrali, jew, sakemm jiġu osservati l-kondizzjonijiet tekniċi għal dak il-għan, direttament mill-Istat Membru ta' oriġini.~~

---

⇩ ġdid

2. Permezz ta' deroga mill-ewwel paragrafu 1, fejn mhux possibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' applikant minħabba miżuri li ttieħdu sabiex tiġi assigurata s-saħħa tal-applikant jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri għandhom jieħdu u jibagħtu l-marki tas-swaba' tal-applikant mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawn ir-raġunijiet ma jibqgħux validi.

---

🡻 2725/2000/KE (adattat)
⇨ ġdid

3. Id-dejta dwar il-marki ta' swaba' skont it-tifsira fil-punt ~~(b)~~ (a) tal-Artikolu ~~5(1)~~ 8, trażmessa minn kull Stat Membru, ⌦ għajr dik trażmessa skont l-Artikolu 7 punt (b) ⌫ għandha tkun imqabbla ⇨ awtomatikament ⇦ mad-dejta dwar marki ta' swaba' trażmessa minn Stati Membri oħra u diġà miżmuma ~~fid-database ċentrali~~ ⇨ fis-Sistema Ċentrali ⇦ .

4. ⇨ Is-Sistema ⇦ ~~L-Unità~~ Ċentrali għandha tiżgura, fuq it-talba ta' Stat Membru, li t-tqabbil imsemmi fil-paragrafu 3 jkopri d-dejta dwar marki tas-swaba' trażmessa qabel minn dak l-Istat Membru, b'żieda għad-dejta minn Stati Membri oħra.

5. ⇨ Is-Sistema ⇦ ~~L-Unità~~ Ċentrali għandha tittrażmetti ~~immedjatament~~ ⇨ awtomatikament ⇦ is-sejba jew ir-riżultat negattiv tat-tqabbil lill-Istat Membru ta' oriġini. Fejn ikun hemm sejba, għandha tittrażmetti għal kull sett ta' dejta li jikkorrispondi għas-sejba, id-dejta msemmija fl-Artikolu ~~5(1)~~ 8(a) sa (⇨ g ⇦)~~,~~ ~~għalkemm fil-każ tad-data msemmija fl-Artikolu 5(1)(b), dan jiġri biss sakemm tkun il-bażi għas-suċċess~~ ⇨ flimkien, fejn xieraq, mal-marka msemmija fl-Artikolu 15(1) ⇦.

~~It-trasmissjoni diretta tar-riżultat tat-tqabbil lill-Istat Membru ta' oriġini għandha tkun permessa fejn il-kondizzjonijiet tekniċi għal dak il-għan jkunu osservati.~~

~~7. Ir-regoli implimentattivi li jippreskrivu l-proċeduri neċessarji għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 6 għandhom ikunu adottati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 22(1).~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 7*

*Informazzjoni dwar l-istatus tas-suġġett tad-dejta*

L-informazzjoni li jmiss għandha tintbagħat lis-Sistema Ċentrali sabiex tiġi maħżuna skont l-Artikolu 9 minħabba trażmissjoni skont l-Artikolu 6(5):

(a) Meta applikant għal protezzjoni internazzjonali jew persuna oħra kif imsemmija f'Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament ta' Dublin jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont deċiżjoni li taċċedi għal talba li hu/hi jittieħed lura kif msemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Dublin, l-Istat Membru responsabbli għandu jaġġorna d-dejtasett tiegħu rreġistrat f'konformità mal-Artikolu 8 relatat mal-persuni kkonċernati billi jżid id-data tal-wasla tiegħu/tagħha.

(b) Meta applikant għal protezzjoni internazzjonali jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont deċiżjoni li taċċedi għal talba sabiex tkun responsabbli tiegħu jew tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament ta' Dublin, l-Istat Membru responsabbli għandu jibgħat dejtasett f'konformità mal-Artikolu 8 dwar il-persuna kkonċernata u jinkludi d-data tal-wasla tiegħu/tagħha.

(c) Hekk kif l-Istat Membru tal-oriġini jista' jistabbilixxi li l-persuna kkonċnernata li d-dejta tagħha ġiet irreġistrata fil-EURODAC skont l-Artikolu 8 ħalliet it-territorju tal-Istati Membri, dan għandu jaġġorna s-sett ta' dejta reġistrat tiegħu f'konformità mal-Artikolu 8 relatat mal-persuna kkonċerata billi jżid id-data meta l-persuna ħalliet it-territorju, sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Artikoli 19(2) u 20(5) tar-Regolament ta' Dublin.

(d) Hekk kif l-Istat Membru tal-oriġini jiżgura li l-persuna kkonċernata li d-dejta tagħha ġiet irreġistrata fil-EURODAC skont l-Artikolu 8 ħalliet it-territorju tal-Istati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tkeċċija li kienet ħarġet wara l-irtirar jew ir-rifjut tal-applikazzjoni kif provdut fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament ta' Dublin, dan għandu jaġġorna s-sett ta' dejta reġistrat tiegħu f'konformità mal-Artikolu 8 relatat mal-persuna kkonċernata billi jżid id-data tat-tkeċċija tiegħu/tagħha jew meta l-persuna ħalliet it-territorju.

(e) L-Istat Membru li jassumi responsabbiltà skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament ta' Dublin għandu jaġġorna s-sett ta' dejta rreġistrat f'konformità mal-Artikolu 8 relatat ma' dak l-applikant billi jżid id-data meta d-deċiżjoni sabiex jeżamina l-applikazzjoni kienet ittieħdet.

↓ 2725/2000/KE
⇨ ġdid

*Artikolu ~~85~~*

*Reġistrazzjoni ta' informazzjoni*

1. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jiżgura li l-attivitajiet tal-ipproċessar tad-dejta personali li jirrigwardaw il-EURODAC, partikolarment mill-Awtorità tat-Tmexxija jitwettqu skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u dan ir-Regolament. Id-doveri u s-setgħet imsemmija fl-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandhom japplikaw kif meħtieġ.

2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta għandu jiżgura li titwettaq verifika tal-attivitajiet tal-ipproċessar tad-dejta personali tal-Awtorità tat-Tmexxija kull erba' snin skont l-istandards internazzjonali tal-verifika. Għandu jintbagħat rapport dwar din il-verifika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Awtorità tat-Tmexxija, lill-Kummissjoni u lill-Awtoritajiet ta' Sorveljanza Nazzjonali. L-Awtorità tat-Tmexxija għandha tingħata opportunità tikkumenta qabel jiġi adottat ir-rapport.

*Artikolu 27*

*Kooperazzjoni bejn l-Awtoritatjiet ta' Sorveljanza Nazzjonali u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta*

1. L-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Sorveljanza u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, filwaqt li kull wieħed minnhom jaġixxi fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tiegħu, għandhom

jikkooperaw attivament fil-qafas tar-responsabbiltajiet tagħhom u għandhom jiżguraw sorveljanza koordinata tal-EURODAC.

2. Huma għandhom, filwaqt li kull wieħed minnhom jaġixxi fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tiegħu, jassistu lil xulxin fit-twettiq ta' verifiki u ispezzjonijiet, jeżaminaw id-diffikultajiet ta' interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jistudjaw problemi li jirrigwardaw it-twettiq ta' sorveljanza indipendenti jew l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta, ifasslu proposti armonizzati għal soluzzjonijiet konġunti għal kwalunkwe problema u jippromwovu l-għarfien dwar id-drittijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta, hekk kif ikun meħtieġ.

3. L-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Sorveljanza u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta għandhom jiltaqgħu għal dak il-għan mill-inqas darbtejn fis-sena. L-ispejjeż u s-servizzi ta' appoġġ ta' dawn il-laqgħat għandhom jitħallsu mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta. Għandhom jiġu adottati r-regoli ta' proċedura fl-ewwel laqgħa. Għandhom jiġu żviluppati metodi ta' ħidma ulterjuri b'mod konġunt hekk kif ikun meħtieġ. Għandu jintbagħat rapport konġunt dwar l-attivitajiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità tat-Tmexxija kull sentejn.

---

| ➔ 2725/2000/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

# KAPITOLU VII

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 28 ~~21~~*

*Nefqa*

1. In-nefqa li tirriżulta b'konnessjoni mat-twaqqif u t-tħaddim ~~tal-Unità~~ ⇨ tas-Sistema Ċentrali u tal-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni ⇦ għandha titħallas mill-estimi ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

2. In-nefqa li ssir minn ~~unitajiet~~ ⇨ punti ta' aċċess ⇦ nazzjonali u l-infiq għall-konnessjoni tagħhom ~~mad-database ċentrali~~ ⇨ mas-Sistema Ċentrali ⇦ għandhom jitħallsu minn kull wieħed mill-Istati Membri.

~~3. L-ispejjeż ta' trasmissjoni ta' informazzjoni minn Stat Membru ta' oriġini u dwar ir-riżultati tat-tqabbil ma' ta' dak l-Istat għandhom jitħallsu mill-Istat in kwistjoni.~~

*Artikolu 29 24*

*Rapport annwali:, kKontroll u valutazzjoni*

1. Il-Kummissjoni ⇨ L-Awtorità ta' Ġestjoni ⇦ għandha tissottometti rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Unità Ċentrali ⇨ tas-Sistema Ċentrali ⇦ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-EurodacEURODAC skont indikaturi definiti minn qabel għall-għanijiet imsemmijin fil-paragrafu 2.

2. Il-Kummissjoni ⇨ L-Awtorità ta' Ġestjoni ⇦ għandha tiżgura li jkun hemm f'posthom sistemi ⌦ proċeduri ⌫ sabiex jikkontrollaw il-funzjonament tal-Unità ⇨ tas-Sistema ⇦ Ċentrali skont l-għanijiet ⌦ b'rabta mal- ⌫ , f'termini ta' output, konvenjenza u kwalità ta' servizz.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni b'mod regolari tal-operat tal-Unità Ċentrali sabiex ikun stabbilit jekk ikunux intlaħqu l-objettivi tagħha b'mod effettiv meta mqabbel mal-ispiża u sabiex tipprovdi linji gwida biex tittejjeb l-effiċjenza ta' ħidmiet futuri.

4. Sena wara li tibda taħdem l-Eurodac, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' valutazzjoni dwar l-Unità Ċentrali, li jiffoka fuq il-livell tad-domanda meta mqabbel ma' x'inhu mistenni u ma' kwistjonijiet ta' ħidma u amministrazzjoni fid-dawl tal-esperjenza, sabiex ikun magħruf x'titjib jista' jsir fil-qasir għall-prattika mħaddma.

---

⇩ ġdid

3. Għall-għanijiet tal-manutenzjoni teknika, ir-rappurtar u l-istatistika, l-Awtorità tat-Tmexxija għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni meħtieġa relatata mal-operazzjonijiet tal-ipproċessar magħmula fis-Sistema Ċentrali.

4. Kull sentejn l-Awtorità tat-Tmexxija għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta rapport dwar il-funzjonament tekniku tas-Sistema Ċentrali inkluża s-sigurtà tal-istess sistema.

---

🡻 2725/2000/KE
⇨ ġdid

5. Tliet snin wara li l-Eurodac tibda taħdem ⇨ l-bidu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jif previst fl-Artikolu 34(2) ⇦ u kull sitt ⇨ erba' ⇦ snin minn hemm `l quddiem, il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni totali tal-EurodacEURODAC, billi teżamina r-riżultati miksuba meta mqabbla ma' għanijiet u tagħmel stima dwar il-validità kontinwata tar-raġunijiet bażiċi li għalihom ġie mwaqqaf, u kull implikazzjoni għal ħidmiet fil-futur ⇨ ,kif ukoll kwalunkwe rakkomadazzjoni neċessarja ⇦ . ⇨ Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ⇦

⇩ ġdid

6. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Awtorità tat-Tmexxija u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex jabbozzaw ir-rapporti msemmijin fil-paragrafi 4 u 5.

7. L-Awtorità tat-Tmexxija għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex tipproduċi l-evalwazzjonijiet globali msemmijin fil-paragrafu 5.

8. Il-Kummissjoni se tipproduċi biss rapporti skont paragrafi 1 u 5 sakemm l-Awtorità tat-Tmexxija msemmija fl-Artikolu 4 tiġi stabbilita.

---

🡻 2725/2000/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 30 25*

*Penali*

L-Istati Membri għandhom ⌦ jieħdu l-miżuri neċessarji biex ⌫ jiżguraw li ⌦ kwalunkwe ⌫ ppročessar użu ta' dejta rreġistrata ⌦ mdaħħla ⌫ fid-database ċentrali ⇨ fis-Sistema Ċentrali ⇦ li ma jaqbilx mal-għan tal-EurodacEURODAC kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) ikun soġġett għal penali xierqa ⌦ ikun punibbli b'penali, fosthom penali amministrattivi u/jew kriminali skont il-liġi nazzjonali, li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi ⌫ .

*Artikolu 31 26*

*Skop territorjali*

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal xi territorju li l-Konvenzjoni ⌦ r-Regolament ⌫ ta' Dublin ma' tapplikax għalih.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 32*

*Dispożizzjoni tranżitorja*

Dejta mblukkata fis-Sistema Ċentrali skont l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill 2725/2000/KE għandha tiġi żblukkata u mmarkata skont l-Artikolu 15(1) ta' dan ir-Regolament fid-data li hemm dispożizzjoni għaliha fl-Artikolu 34(2).

🡻

*Artikolu 33*

*Revoka*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' 'Eurodac' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2002 tat-28 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli biex jimplimetaw ir-Regolament ta-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 dwar l-istabbiliment ta' Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin qegħdin jiġu rrevokati b'effett mid-data pprovduta fl-Artikolu 34(2).

Ir-referenzi għar-Regolamenti rrevokati għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

🡻 2725/2000/KE Article 27 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 34 ~~27~~*

*Dħul fis-seħħ u applikabilità*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl- ⌦ għoxrin ⌫ jum ⌦ wara dak ⌫ tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-~~Komunità Ewropea~~ ⌦ Unjoni Ewropea ⌫ .

2. Dan ir-Regolament għandu japplika~~, u Eurodac għandha tibda topera,~~ mid-data li fiha l-Kummissjoni tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-~~Komunitajiet Ewropej~~ ⌦ Unjoni Ewropea ⌫ , meta jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) kull Stat Membru jkun innotifika lill-Kummissjoni li jkun għamel l-arranġamenti tekniċi neċessarji sabiex jittrażmetti dejta ~~lill-Unità Ċentrali~~ ⇨ lis-Sistema Ċentrali ⇦ skont ⌦ dan ir-Regolament ⌫ ~~regoli implimentattivi adottati taħt l-Artikolu 4(7) u sabiex josserva r-regoli implimentattivi adottati taħt l-Artikolu 12(5);~~ u

(b) il-Kummissjoni tkun għamlet l-arranġamenti tekniċi neċessarji sabiex ~~l-Unità~~ ⇨ is-Sistema ⇦ Ċentrali tibda topera skont ⌦ dan ir-Regolament ⌫ ~~ir-regoli mplimentattivi adottati taħt l-Artikolu 4(7) u l-Artikolu 12(5)~~.

⇩ ġdid

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni hekk kif isiru l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 2(a), u fi kwalunkwe ċirkostanza mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

4. Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

🡻 2725/2000/KE

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

| |
|---|
| ➔ 407/2002/EC<br>⇨ ġdid |

ANNESS I

**Format tad-dejta għall-iskambju ta' dejta dwar il-marki tas-swaba'**

Il-format li ġej huwa preskritt għall-iskambju ta' dejta dwar il-marki tas-swaba'.

~~ANSI/NIST - CSL 1 1993~~ ⇨ ANSI/NIST-ITL 1a-1997, Ver.3, Ġunju 2001 (INT-1) ⇦ u kwalunkwe żvilupp ulterjuri ta' dan l-istandard..

**In-norma tal-itrri ta' identifikazzjoni tal-Istati Membri**

Għandha tapplika n-norma ISO li ġejja: ISO 3166 – kodiċi b'2 ittri.

## ~~ANNESS II~~

105 mm from top of form | 155 mm from top of form | 205 mm from top of form

# Eurodac - Fingerprint form

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Reference number | |
| 2. | Place of the application for asylum or place where the alien was apprehended | |
| 3. | Date of the application for asylum or date on which the alien was apprehended | |
| 4. | Sex | |
| 5. | Date on which the fingerprints were taken | |
| 6. | Date on which the data were transmitted to the Central Unit | |

## ROLLED IMPRESSIONS

| 1. Right thumb | 2. Right forefinger | 3. Right middle finger | 4. Right ring finger | 5. Right little finger |
|---|---|---|---|---|
| 50 mm | 40 mm | 40 mm | 40 mm | 40 mm |
| 40 mm | | | | |
| **6. Left thumb** | **7. Left forefinger** | **8. Left middle finger** | **9. Left ring finger** | **10. Left little finger** |
| 40 mm | | | | |

## PLAIN IMPRESSIONS

| LEFT HAND Four fingers taken simultaneously | TWO THUMBS Impressions taken simultaneously | | RIGHT HAND Four fingers taken simultaneously |
|---|---|---|---|
| | LEFT | RIGHT | |
| 75 mm | 30 mm | 30 mm | 75 mm |
| 65 mm | 55 mm | | |

**ANNESS II**
**Regolamenti Rrevokati**
**(msemmija fl-Artikolu 33)**

| | |
|---|---|
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000/KE | (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1.) |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2002/KE | (ĠU L 062, 05.03.2002 p. 1.) |

**ANNESS III**
**Tabella ta' korrelazzjoni**

| **Regolament 2725/2000/KE** | **Dan ir-Regolament** |
|---|---|
| Artikolu 1(1) | Artikolu 1(1) |
| Artikolu 1(2), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 1(2), it-tieni subparagrafu | Artikolu 4(4) |
| Artikolu 1(2), it-tielet subparagrafu | Artikolu 3(4) |
| Artikolu 1(3) | Artikolu 1(2) |
| Artikolu 3(1) | imħassar |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3(2) | Artikolu 5(3) |
| Artikolu 3(3) | Artikolu 5 |
| Artikolu 3(4) | imħassar |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 6(1), 3(5) |
| Artikolu 4(2) | Imħassar |
| Artikolu 4(3) | Artikolu 6(3) |
| Artikolu 4(4) | Artikolu 6(4) |
| Artikolu 4(5) | Artikolu 6(5) |
| Artikolu 4(6) | Artikolu 19(4) |
| Artikolu 5 | Artikolu 8 |
| Artikolu 6 | Artikolu 9 |
| Artikolu 7 | Artikolu 10 |
| Artikolu 8 | Artikolu 11 |

| | |
|---|---|
| Artikolu 9 | Artikolu 12 |
| Artikolu 10 | Artikolu 13 |
| Artikolu 11(1)-(4) | Artikolu 14(1)-(4) |
| Artikolu 11(5) | imħassar |
| Artikolu 12 | - Artikolu 15 |
| Artikolu 13 | Artikolu 16 |
| Artikolu 14 | - Artikolu 20 |
| Artikolu 15 | Artikolu 21 |
| Artikolu 16 | Artikolu 22 |
| Artikolu 17 | Artikolu 23 |
| Artikolu 18 | Artikolu 24 |
| Artikolu 19 | Artikolu 25 |
| Artikolu 20 | -- |
| Artikolu 21 | Artikolu 28 |
| Artikolu 22 | imħassar |
| Artikolu 23 | imħassar |
| Artikolu 24 | Artikolu 29 |
| Artikolu 25 | Artikolu 30 |
| Artikolu 26 | Artikolu 31 |
| Artikolu 27 | Artikolu 34 |
| - | Anness II |

| **Regolament 407/2002/KE** | **Dan ir-Regolament** |
|---|---|
| Artikolu 2 | Artikolu 17 |
| Artikolu 3 | Artikolu 18 |
| Artikolu 4 | Artikolu 19 |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 3(2) |
| Anness I | Anness I |
| Anness II | - |

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

## 1. QAFAS GĦALL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-"EURODAC" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba’ għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru [.../...] li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat.

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernati mill-istruttura ABM/ABB

Żona għal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (titolu 18)

Flussi migratorji – Politiki komuni dwar l-immigrazzjoni l-asil (kapitolu 18.03)

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta għandha x'taqsam mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti, jiġifieri, l-emenda tar-Regolament li jistabbilixxi l-bażi ta' dejta tal-EURODAC.

### 1.4. Għan(ijiet)

Mill-proposta preċednenti [COM (2009) 342 finali] din il-proposta żżom it-titjib tas-sistema fir-rigward ta' funzjonalitajiet ġodda ffokati għall-asil u, fl-istess ħin, tħassar il-funzjonalità ta' tiftiex ta' infurzar tal-liġi propost fl-istess proposta.

L-istima tal-kost ta' EUR 230.000 f'din id-dikjarazzjoni finanzjarja tissostitwixxi l-EUR 2.415.000 li ntlabu fil-proposta tal-2009 li ssemmiet aktar 'il fuq.

Id-dikjarazzjoni leġiżlattiva finanzjarja preżenti tittratta biss dwar l-ispejjeż mistennija li se jkun hemm rigward it-tibdil li se jkunu introdotti bl-emenda preżenti; għalhekk mhux se tittratta bl-ispejjeż ta’ ġestjoni regolari ta’ EURODAC.

### 1.5. Raġunijeit għall-proposta/inizjattiva

Din il-proposta ser tipprovdi soluzzjoni għall-kwistjonijiet individwati għat-titjib matul il-ħames snin ta' ħidma tal-bażi tad-dejta li diġà teżisti. Hija ġiet abbozzata b'koerenza sħiħa mal-proposta riformulata tar-Regolament ta' Dublin[23].

---

[23] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, COM(2008) 820.

### 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

Qiegħed jitbassar li dan ir-Regolament ser jiġi adottat sal-aħħar tal-2011 għal tul ta' żmien mhux determinat.

L-impatt finanzjarji ser ikun mill-2011 sal-2012.

### 1.7. Metodu(i) ta' ġestjoni previsti

Ġestjoni ċentralizzata diretta mill-Kummissjoni. Wara perjodu interim, il-ġestjoni operattiva tal-EURODAC hija mistennija li tiġi trasferita lil Aġenzija responsabbli għal SIS II, VIS u sistemi ta' IT oħra fil-qasam tal-liberta', is-sigurtà u l-ġustizzja. Rigward it-twaqqif ta' din l-Aġenzija, il-Kummissjoni ppreżentat proposta separata li tivvaluta l-kosti rilevanti.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

Il-monitoraġġ tal-effiċjenza tal-bidliet introdotti minn din il-proposta għandu jsir fil-qafas tar-rapport annwali fuq l-attivitajiet tal-Unità Ċentrali tal-EURODAC.

Monitoraġġ ta' kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta se jsir mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

Il-ġestjoni operazzjonali tal-EURODAC (li bħalissa hija ġestita b'mod ċentralizzat dirett mill-Kummissjoni) hija mistennija li tiġi ttrasferita lil Aġenzija responsabbli mis-SIS II, mill-VIS u minn sistemi oħra tal-IT fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Il-Kummissjoni ppreżentat proposta separata rigward it-twaqqif ta' din l-Aġenzija li tivvaluta l-kosti rilevanti[24].

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1037/1999 għandhom japplikaw mingħajr ebda restrizzjoni għall-Aġenzija responsabbli mill-ġestjoni tal-EURODAC (ladarba tiġi stabbilita abbażi tal-Proposta emendata għal Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, COM(2010)93).

24 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja [COM(2009) 293 finali] ġiet adottata fl-24 ta' Ġunju 2009. Proposta emendata kienet adottata fil-19 ta' Marzu 2010: Proposta emendata għal Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, COM(2010)93.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

Qafas finanzjarju 2007-2013: Intestatura 3A

Linja baġitarja: 18.03.11 - Eurodac

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

Impatt totali fuq in-nefqa: EUR 293.000.

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

L-impatt totali fuq l-approproazzjonijiet operazzjonali huwa ta' EUR 230.000.

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

L-impatt totali fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva huwa ta' EUR 63.000.

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

Il-proposta hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

*3.2.5. Parteċipazzjoni minn partijiet terzi fil-finanzjament*

Il-proposta ma tipprovdi l-ebda kofinanzjament minn partijiet terzi.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

Huwa mistenni impatt fuq id-dħul ta' EUR 29.000 minn kontribuzzjonijiet min-Norveġja, l-Islanda u l-Isvizzera.

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-"EURODAC" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru [.../...] li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat.[25] |

## 1.2. Qasam/oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB[26]

| |
|---|
| Qasam tal-Politika: Il-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (titolu 18)<br><br>Flussi migratorji – Politiki komuni dwar l-immigrazzjoni u l-asil (kapitolu 18.03) |

## 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' azzjoni ġdida

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja[27]

☒ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida

## 1.4. Għanijiet

### *1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| (Mhux applikabbli). |

### *1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

| |
|---|
| Għan speċifiku Nru..<br><br>Kontribut għat-twettiq tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil permezz tal-adozzjoni ta' standards ta' protezzjoni ogħla, l-appoġġ għal kooperazzjoni prattika u aktar solidarjetà fl-UE u bejn l-UE u pajjiżi terzi bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati.<br><br>Attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i |

---

25 Id-dikjarazzjoni leġiżlattiva finanzjarja preżenti tittratta biss dwar l-ispejjeż mistennija li se jkun hemm rigward it-tibdil li se jkunu introdotti bl-emenda preżenti, għalhekk mhux se tittratta bl-ispejjeż ta' ġestjoni regolari ta' EURODAC.

26 ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività – ABB: Ibbaġittjar Ibbażat fuq l-Attività.

27 Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

18 03 : Flussi migratorji – Politiki komuni dwar l-immigrazzjoni u l-asil.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt(i) mistenni(ja)*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Mill-proposta preċedenti [COM (2009) 342 finali]din il-proposta żżomm it-titjib li sar fis-sistema rigward funzjonalitajiet ġodda ffokati fuq l-asil, u fl-istess ħin, tħassar il-funzjonalità ta' tiftix ta' infurzar tal-liġi li ġew ppproposti fl-istess proposta. L-istima tal-kost ta' EUR 230.000 tissostitwixxi l-ammont ta' EUR 2.415.000 li ntalab fil-proposta tal-2009.

Il-proposta ser tamministra u tipproteġi aħjar id-deta ta' suġġetti ta' dejta filwaqt li ser tiffaċilita wkoll il-proċeduri tal-Istati Membri biex jiġi ddeterminat liema huwa l-Istat Membri responsabbli mill-valutazzjoni ta' talba għal asil.

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

L-għanijiet prinċipali tal-proposta huma li tittejjeb l-effiċjenza tal-EURODAC u li jiġi indirizzat aħjar it-tħassib dwar il-protezzjoni tad-dejta. L-indikaturi għandhom ikunu l-istatistiki dwar l-operat tal-EURODAC, pereżempju dawk dwar sejbiet mhux miksuba jew sejbiet ħżiena, dewmien fit-trażmissjoni, eċċ.

## 1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Sabiex l-Istati Membri jiġu infurmati bl-istatus ta' dawk l-applikanti li fil-fatt diġà ngħataw protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru, id-data fuq ir-refuġjati għandha tiġi żblukkata (jiġifieri ssir disponibbli għal tiftixiet).

Sabiex l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin tiġi ffaċilitata, l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jindikaw fil-EURODAC il-fatt li japplikaw il-klawsoli ta' sovranità jew il-klawsoli umanitarji previsti minn dak ir-Regolamnet, jiġifieri, li jassumu r-responsabbiltà għall-valutazzjoni ta' talba ta' applikant li għalih huma normalment ma jkunux responsabbli skont il-kriterji tar-Regolament ta' Dublin.

Sabiex tkun żgurata l-konsistenza mal-acquis dwar l-asil, huwa propost li l-ambitu ta' dan ir-Regolament jiġi estiż biex ikopri protezzjoni sussidjarja.

Sabiex tkun żgurata l-konsistenza mal-acquis dwar l-asil, huwa propost li l-perjodu ta' żamma tad-dejta dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat li jitteħdulhom il-marki tas-swaba' tagħhom b'rabta ma' qsim irregolari ta' fruntiera esterna jiġi armonizzat mal-perjodu sa liema l-Artikolu 10(1) tar-Regolament ta' Dublin jalloka r-responsabbiltà fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni (jiġifieri sena).

Fuq il-bażi tar-riżultati ta' negozjati fil-Kunsill, ġie introdott Artikolu ġdid sabiex l-Istati Membri jingħataw informazzjoni dwar l-istatus tas-suġġett tad-dejta (persuni jfittxu asil jew persuni li jidħlu b'mod irregolari). Dan l-artikolu jipprevedi li l-Istati Membri jiġu informati wkoll dwar jekk persuna, li d-dejta tagħha tkun miżmuma fil-bażi tad-dejta, tkunx ġiet ittrasferita wara proċedura ta' "teħid lura", jew jekk hu jew hi jkunux telqu mit-territorju tal-

Istati Membri, kemm volontarjament jew b'riżultat ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Din il-proposta se tipprovdi soluzzjoni għall-kwistjonijiet indikati għal titjib matul il-ħames snin ta' operazzjoni tal-bażi tad-dejta eżistenti tal-Komunità.

*1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat*

Mhux applikabbli.

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

Din il-proposta ġiet abbozzata b'koerenza sħiħa mal-proposta riformulata tar-Regolament ta' Dublin[28].

28 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat COM (2008) 820

### 1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-[JJ/XX]SSSS sal-[JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju mill-[SSSS] sal-[SSSS]

☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mingħajr limitu**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2011 sal-2012,

– segwieta minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.7. Metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)[29]

☒ **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni ċentralizzata indiretta** bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[30]

– ☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☒ **Ġestjoni maqsuma** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali

Kummenti

| |
|---|
| Il-ġestjoni operazzjonali tal-EURODAC hija mistennija li tiġi ttrasferita lil Aġenzija responsabbli mis-SIS II, mill-VIS u minn sistemi oħra tal-IT fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Il-Kummissjoni ppreżentat proposta separata rigward it-twaqqif ta' din l-Aġenzija li tivvaluta l-kosti rilevanti[31]. |

29 Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

30 Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

31 COM(2010)93.

## 2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

| |
|---|
| Il-monitoraġġ tal-effiċjenza tal-bidliet introdotti minn din il-proposta għandu jsir fil-qafas tar-rapport annwali fuq l-attivitajiet tal-Unità Ċentrali tal-EURODAC. Il-monitoraġġ ta’ kwistjonijiet ta’ protezzjoni tad-dejta se jsir mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta. |

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

#### *2.2.1. Riskju/i identifikat/i*

| |
|---|
| In-nuqqas milli jsiru emendi importanti fuq ir-Regolament fis-seħħ jista' jwassal biex tiddgħajjef l-effiċjenza tal-EURODAC, u kif ukoll ir-rwol ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Dublin. Riskju ieħor huwa marbut mal-fatt li ma jsirx it-tibdil fl-acquis dwar l-asil u l-protezzjoni tad-dejta. |

#### *2.2.2. Metodu/i ta’ kontroll previst(i)*

| |
|---|
| L-indikaturi ser ikunu l-istatistiki dwar l-operat tal-EURODAC, pereżempju dawk dwar sejbiet mhux miksuba jew sejbiet ħżiena, dewmien fit-trażmissjoni, eċċ. |

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u irregolaritajiet

| |
|---|
| Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1037/1999 għandhom japplikaw mingħajr ebda restrizzjoni għall-Aġenzija responsabbli mill-ġestjoni tal-EURODAC (ladarba tiġi stabbilita abbażi tal-Proposta emendata għal Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, COM(2010)93). |

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi u l-linji tal-baġit tal-qafas finanzjarju multiannwali.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Dekrizzjoni………………………...……….] | AD/AMD (32) | mill-pajjiżi tal-EFTA[33] | mill-pajjiżi kandidati[34] | minn pajjiżi terzi | fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| 3A | 18.03.11<br>Eurodac | DA | LE | LE | IVA | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Skont l-ordni tal-intestaturi u l-linji tal-baġit tal-qafas finanzjarju multiannwali.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Heading……………………………………..] | Diff/mhux Diff | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| […] | [XX.YY.YY.YY]<br>[…] | […] | IVA/LE | IVA/LE | IVA/ | IVA/LE |

32 AD = Approprjazzjonijiet Differenzjati / AMD = Approprjazzjonijiet Mhux differenzjati
33 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
34 Pajjiżi kandidati u, fejn huwa applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | Numru | [Intestatura……………………………………..] |
|---|---|---|

| DĠ: <Affarijiet Interni> | | | Sena N[35] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | ... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja 18 03 11 | Impenji | (1) | 0.230 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.230** |
| | Ħlasijiet | (2) | 0.046 | 0.184 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.230** |
| Numru tal-linja baġitarja 18 03 11 | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (2a) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[36] | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit | | (3) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** għad-DĠ <Affarijiet Interni> | Impenji | =1+1a +3 | 0.230 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.230** |
| | Ħlasijiet | =2+2a +3 | 0.046 | 0.184 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.230** |

35 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda' l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

36 Għajnuna u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (preċedentemant linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | 0.230 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.230** |
| | Ħlasijiet | (5) | 0.046 | 0.184 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.230** |
| • TOTAL tal-approprazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA <3A.>** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | =4+ 6 | 0.230 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.230** |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | 0.046 | 0.184 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.230** |

**<u>Jekk aktar minn intestatura waħda hija affetwata mill-proposta / inizjattiva:</u>**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju multiannwali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | | | | | | | | |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | **5** | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | ... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <Affarijiet Interni> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 0.061 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.061** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | **0.002** | **0.000** | **0.000** | **0.000** | | | | **0.002** |
| **TOTAL għad-DĠ** <Affarijiet Interni> | Approprjazzjonijiet | 0.063 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.063** |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Total tal-impenji = Total tal-ħlasijiet) | 0.063 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.063** |

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Sena **N**[37] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | ... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | 0.293 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.293** |
| | Ħlasijiet | 0.109 | 0.184 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.293** |

37 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda' l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

### *3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

L-approprjazzjonijiet tal-impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| **Indika għanijiet u riżultati** | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | ... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| ⇩ | Tip ta' riżultat[38] | Il-kost medju tar-riżultat | Numru Tar-riżultati | Kost | Numru Tar-riżultatita' riżultati | Kost | Numru Tar-riżultatita' riżultati | Kost | Numru Tar-riżultatita' riżultati | Kost | Numru Tar-riżultatita' riżultati | Kost | Numru Tar-riżultatita' riżultati | Kost | Numru Tar-riżultatita' riżultati | Kost | Numru u totali ta' riżultati | Kost totali |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[39]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Prodott | Imple | | | 0.230 | | 0.000 | | 0.000 | | 0.000 | | | | | | | | 0.230 |
| Prodott | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Prodott | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotali tal-għan speċifiku Nru 1 | | | | 0.230 | | 0.000 | | 0.000 | | 0.000 | | | | | | | | 0.230 |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Prodott | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotali tal-għan speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **KOST TOTALI** | | | | 0.230 | | 0.000 | | 0.000 | | 0.000 | | | | | | | | 0.230 |

38 Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu fornuti (eżempju: numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, numru ta' kilometri ta' toroq li nbnew, eċċ).

39 Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi…"

### *3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

#### 3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprazzjonijiet amministrattivi

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | Sena N[40] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | ... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0.061 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.061** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0.002 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.002** |
| **Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | 0.063 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | | | | **0.063** |
| **'il barra mill-INTESTATURA 5[41] tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal 'il barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **0.063** | **0.000** | **0.000** | **0.000** | | | | **0.063** |

40 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda' l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

41 Għajnuna u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (preċedentemant linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha titfisser f'ammonti sħaħ (jew sa mhux aktar minn ċifra waħda wara l-punt deċimali)*

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | ... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 0.5 | 0 | 0 | 0 | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)**[42] | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-pakkett globali") | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| **XX** 01 04 *yy*[43] - fil-Kwartieri ġenerali[44] | | | | | | | |
| **XX** 01 04 *yy*[43] - fid-delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħrajn (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | **0.5** | **0** | **0** | **0** | | | |

**XX** hija l-qasam ta' politika jew titolu baġitarju kkonċernat

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfatti mill-persunal tad-DĠ li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew allokati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni taħt l-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

42 CA= Aġent Kuntrattwali INT = persunal mill-aġenziji (*"Intérimaire"*); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet); LA= Aġenti Lokali; SNE = Espert Nazzjonali Ssekondat;

43 Taħt il-limitu ta' persunal estern fuq approprjazzjonijiet operazzjonali (ex-linji "BA").

44 Essenzjalment għal Fondi Strutturali, Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Iħejju għall-akkwist ta' funzjonalitajiet addizzjoni u jsegwu l-implimentazzjoni inkluż ittestjar mal-Istati Membri. |
| Persunal estern | |

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

– ☒ Proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

– ☐ Proposta/inizjattiva se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

Spjega x'riprogrammar hu meħtieġ, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti ekwivalenti.

[…]

– ☐ Proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[45].

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit kkonċernati u l-ammonti ekwivalenti.

[…]

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdi l-ebda kofinanzjament minn partijiet terzi

– Il-proposta/inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | ... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp tal-kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

45 Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☒ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq riżorsi proprji

– ☒ fuq dħul mixxellanju

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprazzjonijiet disponibbli għall-eżerċizzju baġitarju li għaddej bħalissa | L-impatt tal-proposta/inizjattiva[46] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | ... daħħal kemmhemm bżonn kolonni biex turi kemm dam l-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu 6312 | | 0.000 | 0.006 | 0.023 | 0.000 | | | |

Għad-dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affetwata/i.

[Linja ta' dħul 6312]

Speċifika l-metodu għall-ikkalkular tal-impatt fuq id-dħul.

[In-Norveġja, l-Islanda u l-Isvizzera jikkontribwixxu għal total ta' 12.381% tal-ħlasijiiet li jsiru fuq sena partikolari]

46 Fir-rigward ta’ riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara tnaqqis ta’ 25% tal-ispejjeż tal-ġbir